MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 22/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta'Londra**

**vs**

**Andar Hotel Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Hlas fl-ammont ta' mija tmienja u sebghajn Lira u dsatax centezmu (Lm 178.19c) kwantu ghal Lm 154.95c Royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu 6 ta' Awissu, 2002 sal-5t'Awissu, 2003 in konnessjoni mal-licenzja Nru.8446 (Dok "A") rilaxxjata mis-Socjeta' attrici a favur tal-konvenut, b'liema licenzja il-konvenut inghata id-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Andar Hotel" Munxar, Gozo, u, Lm 23.24c Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-Socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 t’Ottubru, 2002 kontra l-konvenut li huwa ingjunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.”

Ra l-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta;

U billi t-talba attrici tinstab sodifacentement ippruvata anke stante l-ammissjoni msemmija;

Jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ LM178.19 dovuti ghar-raguni dedotta fl-avviz tat-talba bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra legali tal-31 t’Ottubru 2002 u bl-imghaxijiet mid-data tal-iskadenza relattiva sad-data tal-hlas effettiv a kariku tal-istess socjeta’ konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------